REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2156

tas-17 ta' Settembru 2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għad-deni tal-Wied tar-Rift

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 92(4) tiegħu,

Billi:

(1) Id-deni tal-Wied tar-Rift (RVF) huwa marda żoonotika emerġenti trażmessa minn vettur u kkawżata minn virus, li tolqot ir-ruminanti selvaġġi u domestiċi u li tirrappreżenta theddida transfruntiera potenzjali. L-RVF huwa kkaratterizzat minn rati għoljin ta' abort u mortalità neonatali fir-ruminanti domestiċi. Fil-bnedmin, il-marda tiżviluppa prinċipalment bħala marda simili għall-influwenza, fejn minoranza ta' pazjenti jistgħu jiżviluppaw enċefalite jew saħansitra marda epatika gravi b'manifestazzjonijiet emorraġiċi. L-RVF jinsab fuq il-lista ta' mard notifikabbli tal-annimali ([2]) tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE).

(2) F'Marzu 2019, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) ippubblika valutazzjoni rapida tar-riskju biex jindirizza r-riskju tal-importazzjoni tal-virus RVF u t-tixrid ulterjuri tal-virus fl-Unjoni u fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) b'rabta maż-żieda fil-każijiet irrappurtati fil-Mayotte ([3]). Il-valutazzjoni enfasizzat li, għalkemm ir-riskju minn dawn it-tifqigħat kien baxx ħafna għall-Unjoni u għaż-ŻEE f'termini tal-introduzzjoni tal-virus tal-RVF mill-kummerċ legali tal-annimali u tal-prodotti tal-annimali, it-trasport illegali fil-bagalji personali ta' laħam frisk, ta' ħalib mhux pasturizzat u ta' prodotti mhux ittrattati minn ruminanti infettati jista' jkun ta' riskju. L-ECDC kkonkluda li jekk il-virus ġie introdott fil-parti kontinentali tal-Unjoni u taż-ŻEE, ma setgħetx tiġi eskluża t-trażmissjoni ulterjuri fost l-annimali permezz ta' vetturi.

(3) Barra minn hekk, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) adottat opinjoni xjentifika dwar l-RVF fit-23 ta' Jannar 2020 ([4]), li tindika li r-riskju tat-tixrid tal-RVF f'pajjiżi ġirien tal-Unjoni u r-riskju tal-introduzzjoni possibbli ta' vetturi infettati fl-Unjoni, jenħtieġ li ma jiġux injorati.

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([2]) Lista tal-OIE ta' mard notifikabbli tal-annimali terrestri u akkwatiċi (https://www.oie.int/en/what-we-do/animal-health-and-welfare/animal-diseases/).

([3]) Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard. *Rapid risk assessment: Rift Valley fever outbreak in Mayotte, Franza – is-7 ta' Marzu 2019*. Stokkolma: ECDC; 2019.

([4]) EFSA Journal 2020;18(3):6041.

(4) Ir-riskju li l-RVF jidħol fl-Unjoni jfisser li l-Unjoni jenħtieġ li tistabbilixxi miżuri adegwati ta' sorveljanza u ta' kontroll kontra din il-marda, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), li jistabbilixxi qafas leġiżlattiv għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-mard elenkat. F'konformità mal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([6]), l-RVF jitqies bħala marda tal-kategorija A, D u E, li għaliha għandhom jittieħdu miżuri ta' eradikazzjoni immedjati hekk kif tiġi identifikata.

(5) L-Unjoni għandha fis-seħħ miżuri adegwati ta' sorveljanza u ta' kontroll tal-mard kontra l-RVF biex tiżgura l-eradikazzjoni immedjata tagħha jekk din il-marda tidħol fl-Unjoni. Sabiex dawn il-miżuri jkomplu jkunu effettivi, jenħtieġ li jinkludu wkoll tħejjija xierqa u riżorsi disponibbli għall-ġlieda kontra l-marda, filwaqt li jitqies ukoll il-potenzjal żoonotiku tal-marda. F'dak ir-rigward, huwa meqjus neċessarju li tiġi pprovduta kapaċità suffiċjenti għall-ittestjar fil-laboratorju, peress li l-kwalità tajba ta' tali kapaċità tal-ittestjar hija essenzjali biex jiġu implimentati l-miżuri ta' sorveljanza u ta' kontroll tal-mard u, għalhekk, biex jiġi evitat li l-marda tidħol fl-Unjoni.

(6) Sa issa, l-Unjoni għadha ma stabbilietx laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-RVF. L-għażla ta' laboratorju ta' referenza hija essenzjali biex ikunu jistgħu jiġu applikati miżuri għas-sorveljanza u għall-kontroll tal-mard fuq bażi xjentifika u b'mod omoġenju fit-territorju kollu tal-Unjoni.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-RVF biex jikkontribwixxi għall-iżgurar tal-effettività tal-kontrolli uffiċjali u biex jikkoordina l-għajnuna lil-laboratorji uffiċjali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għad-deni tal-Wied tar-Rift huwa b'dan stabbilit.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Settembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([5]) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).